**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 50/2019**

**Joseph Borg (K.I. 0009163M)**

**vs**

**Isaac Redent Borg u Kayleigh Cauchi**

**Illum, 24 ta' Lulju 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"1. Illi l-esponenti jikri l-fond Block 5, Bieb C, Flat 1, Misrah il-Lewza, f'San Gwann, minghand l-Awtorita' tad-Djar.

2. Illi ghall-habta ta' Settembru 20108, wara li l-intimati u cioe' iben l-esponenti u s-siehba tieghu gew mkeccija minghand omm Isaac Borg fejn kienu qed joqghodu, l-esponenti accetta li jilqaghhom go daru sabiex jaghmel karita maghhom u ma

jibqghux bla saqaf fuq rashom, l-aktar peress illi l-intimat Isaac Redent Borg kien hareg tqila lill-intimata Kayleigh Cauchi.

3. Illi nonostante il-gest li ghamel maghhom, l-istess intimati spiccaw istitwew proceduri kriminali frivoli u vessatorji fil-konfront tal-esponenti, liema proceduri ghandhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, u b’rizultat tal-istess proceduri l-esponenti safa mkecci minn daru stess.

4. Illi mitluba jitilqu u jivvakkaw il-fond Blokk 5, Bieb C, Flat 1, Misrah Lewza f’San Gwann, b’mod permanenti tramite l-Ittra Ufficjali Nru 617/19 datata 18 ta’ Frar 2019, debitament notifikata lill-intimati, huma baqghu inadempjenti.

5. Illi peress li huma m’ ghandhom l-ebda dritt u/jew titolu sabiex jokkupaw l-imsemmi fond, l-intimati m’ghandhom l-ebda eccezzjoni x’jirrilevaw u ghalhekk il-kawza tista’ tigi deciza bis-sistema tal-giljottina.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex dan l-Onorabbli Bord m’ghandux:

i. Jaqta’ u jiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 16 A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza; u

ii. Jordna lill-intimati sabiex fi zmien qaasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dan l-Onorabbli Bord, jitilqu u jivvakaw minn tali fond b’ mod permanenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali u ta’ dawn il-proceduri kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.”

Ra illi l-intimati minkejja li debitament notifikati kif jirrizulta a folio 32 sa folio 50 tal-process, ma pprezentaw l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jitlob li dan il-Bord (i) jaqta' u jiddeciedi dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 16(A) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, u (ii) qed jitlob l-izgumbrament tal-intimati fi zmien qasir u perentorju. Bl-ispejjez.

Illi l-intimati minkejja li debitament notifikati baqghu kontumaci mhux biss ghax ma prezentaw l-ebda risposta izda wkoll naqsu milli jidhru quddiem il-Bord biex jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrent.

Illi fis-seduta tal-lum stess l-24 ta' Lulju 2019, ir-rikorrent kkonferma bil-gurament it-talbiet tieghu u illi minn meta giet prezentata l-kawza l-fatti baqghu l-istess kif dikjarati fir-rikors promotur.

Illi f'dik is-seduta rikorrent talab sentenza stante illi dawn huma proceduri sommarji.

Illi stante nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimati t-talba tar-rikorrent ghad-dispensa tas-smiegh timmerita li tigi milqugha u mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrent jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u ghall-fini ta’ zgumbrament jiffissa terminu ta’ zmien tletin jum mil-lum, bl-ispejjez kontra l-intimati.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur